

Brussell, 23 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7478/22

ENER 99
ENV 265
COMPET 176
TRANS 171
CONSOM 69
IND 86
ECOFIN 254

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 138 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Sigurtà tal-provvista u prezzijiet affordabbli tal-enerġija: Għażliet għal miżuri immedjati u tnejnija għax-xitwa li jmiss

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 138 final.

Mehmuż: COM(2022) 138 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2022
COM(2022) 138 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U
SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Sigurtà tal-provvista u prezzijiet affordabbli tal-enerġija:
Għażliet għal miżuri immedjati u tħejjija għax-xitwa li jmiss**

INTRODUZZJONI

Matul l-aħħar 12-il xahar, il-prezzijiet għall-konsumaturi tal-gass naturali u tal-elettriku kienu qed jogħlew b'65 % u bi 30 % rispettivament. L-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna qed iżżid it-tħassib dwar il-provvista ma' din is-sitwazzjoni diffiċli u aggravat il-volatilità tal-prezzijiet. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija qed jikkontribwixxu għall-inflazzjoni, qed jagħmlu ħsara lill-ekonomija tal-Ewropa u qed ikollhom impatt fuq l-irkupru tagħha mill-kriżi tal-COVID-19.

Bħala parti mir-rispons għal din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, f'Ottubru 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat **sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ**¹ biex jittaffew l-effetti fuq il-konsumaturi u n-negozji fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri. Il-miżuri ta' appoġġ immirati biex jgħinu jnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija għall-konsumaturi, l-unitajiet domestiċi u l-industriji, għenu biex tittaffa l-pressjoni.

Fit-8 ta' Marzu 2022, il-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar REPowerEU**² pprovdiet aktar gwida lill-Istati Membri dwar kif tista' tittaffa ż-żieda fil-prezzijiet tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi u n-negozji, u dwar kif għandhom jintużaw profitti għoljin iggwadanjati minn xi produttori tal-elettriku biex jiffinanzjaw dawn il-miżuri. Biex tiġi żgurata sistema tal-enerġija aktar sostenibbli, f'Mejju l-Kummissjoni se tipproponi pjan għall-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Ewropa fuq il-fjuwils fossili filwaqt li tiżied ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija fl-UE kollha.

F'**Versailles fl-10 u l-11 ta' Marzu 2022**, il-mexxejja tal-UE qablu³ li jeliminaw gradwalment id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet Russi tal-gass, iż-żejt u l-faħam, malajr kemm jista' jkun, u stiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta pjan biex tiżgura s-sigurtà tal-provvista u prezzijiet affordabbli tal-enerġija matul l-istaġun tax-xitwa li jmiss sal-aħħar ta' Marzu. B'mod parallel, il-mexxejja tal-UE impenjaw ruħhom li jindirizzaw u jikkunsidraw b'mod urġenti għażliet konkreti, filwaqt li jibnu fuq il-Komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2022, biex jittrattaw l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fuq iċ-ċittadini u n-negozji tagħna, speċjalment iċ-ċittadini vulnerabbli u l-SMEs tagħna, inkluż fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022.

Din il-Komunikazzjoni twieġeb għas-sejħa tal-Mexxejja. Din tippreżenta l-benefiċċji u l-iżvantaġġi ta' għażliet konkreti eċċezzjonali fuq terminu qasir għal żidiet qawwija fil-prezzijiet. Tipproponi wkoll azzjonijiet Ewropej kollettivi biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-problema fis-suq tal-gass bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista bi prezzijiet raġonevoli għax-xitwa li jmiss u lil hinn minnha. Għal dan l-għan, l-išhubijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi jippermettu xiri kollettiv tal-gass u l-idroġenu. Finalment, proposta għal politika Ewropea dwar il-ħżin tal-gass li għandha l-għan li ttejjeb ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija fl-UE kollha.

¹ Il-Komunikazzjoni dwar l-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ", COM(2021) 660 final, (13.10.2021)


² Il-Komunikazzjoni dwar REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli, COM(2022) 108 final, (8.3.2022)

³ [20220311-versailles-declaration-en.pdf](https://ec.europa.eu/energy/sites/default/files/20220311-versailles-declaration-en.pdf)

GAŻLIET BIEX JIĠU INDIRIZZATI L-IMPATTI TAL-PREZZIJET GĦOLJIN TAL-ELETTRIKU FUQ IĊ-ĊITTADINI U N-NEGOZJI

Diversi għażliet għal miżuri ta' emerġenza biex jillimitaw l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-elettriku ġew ippreżentati mill-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati u fid-dibattitu akkademiku. Għandhom l-għan li jipprovdu għajjnuna lill-konsumaturi aħħarin, filwaqt li ma jfixklux l-oġettivi ġenerali fit-tul tal-Patt Ekoloġiku, inklużi d-dekarbonizzazzjoni u l-effiċjenza fl-enerġija. Biex jirnexxu, dawn l-għażliet eċċezzjonali temporanji u mmirati jeħtieġ li jkunu maniġġabbli b'mod fiskali u ma għandhomx jikkompromettu s-sigurtà tal-provvista u l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern.

L-għażliet fuq terminu qasir fuq il-prezz tal-elettriku jiġu raggruppati b'mod wiesa' f'żewġ kategoriji:



Għażliet ta' intervent inkluż kumpens finanzjarju

Dawn l-għażliet għandhom l-għan li jbaxxu l-prezzijiet tal-elettriku, kemm direttament min-naħa tal-konsumatur jew indirettament fis-suq tal-operaturi.

In-naħa tal-konsumaturi

Dawn l-għażliet għandhom l-għan li jtaffu l-effetti tal-prezzijiet għoljin fuq il-konsumaturi aħħarin filwaqt li s-swieq Ewropej tal-elettriku u tal-gass jitħallew jistabbilixxu l-prezz fil-livell tal-operaturi. F'konformità mas-sett ta' għodod tal-Kummissjoni ta' Ottubru⁴, 26 Stat Membru introduċew tali miżuri ta' kriżi.

F'dawn il-miżuri, l-appoġġ dirett għall-utenti finali vulnerabbli jimmira l-għajnuna għal dawk l-aktar fil-bżonn u l-għajnuna mill-Istat tista' tgħin lin-negozji li qed isibuha diffiċli biex ilaħħqu ma' prezzijiet eċċessivi tal-enerġija. Dawn tal-aħħar se jkunu appoġġati mill-**Qafas Temporanju ġdid ta' Kriżi għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat**⁵, adottat fit-22 ta' Marzu, li jippermetti appoġġ għall-impriżi affettwati direttament jew indirettament fil-forma ta' għotjiet diretti limitati, appoġġ ta' likwidità u għajnuna għaż-żieda fl-ispejjeż tal-gass u tal-elettriku.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri daħħlu fis-seħħ rati mnaqqsa tal-VAT għall-gass, l-elettriku u/jew it-tisħin distrettwali. Madankollu, **ħafna possibiltajiet b'mod partikolari fil-qafas tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija**⁶, **inklużi rati mnaqqsa jew eżenzjonijiet għall-unitajiet domestiċi, għadhom mhumiex sfruttati bis-sħiħ.**

Il-Kummissjoni tikkunsidra li tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif jagħmlu l-aħjar użu mill-qafas legali, inkluż dwar derogi mmirati speċifiċi għall-pajjiż skont id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija⁷, sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fis-Suq Uniku.

L-għażliet kollha tan-naħa tal-konsumaturi għandhom l-għan li jipprovdu għajnuna diretta liċ-ċittadini u lin-negozji. L-użu ta' dħul oġhla mit-taxxa fuq l-enerġija u l-ipprezzar tal-karbonju jew minn profitti anormali ta' xi kumpaniji tal-enerġija jista' jgħin biex jiġu ffinanzjati tali miżuri temporanji u mmirati b'appoġġ għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli u negozji⁸.

In-naħa tal-operaturi

L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jistabbilixxu **mudell ta' aggregatur** li permezz tiegħu entità tixtri l-elettriku b'termini kummerċjali favorevoli u tagħmlu disponibbli għal

⁴ COM(2021) 660 final, (13.10.2021)

⁵ Il-Komunikazzjoni dwar Qafas Temporanju ta' Kriżi għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja, C(2022)1890 final, (23.3.2022)

⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).

⁷ F'konformità mal-Artikolu 19(1) tagħha.

⁸ Xi ġeneraturi tal-elettriku (inframarġinali) bħalissa qed jiksbu profitti eċċessivi mill-prezzijiet għoljin ħafna tal-elettriku. Dawn il-kirjiet eċċessivi jistgħu jiġu ntaxxati jew irkuprati temporanjament f'konformità mal-gwida li ppreżentat il-Kummissjoni fit-8 ta' Marzu (ara COM(2022) 108 final, (8.3.2022)).

ċerti kategoriji ta' konsumaturi taħt il-prezz tas-suq u b'hekk tgħaddi l-vantaġġi lill-konsumaturi, u essenzjalment tissussidja d-differenza bejn prezzijiet għall-konsumaturi aktar baxxi u prezzijiet għall-operaturi ogħla.

Għażliet oħra jinvolve **intervent dirett fil-funzjonament tas-swieq tal-operaturi tal-elettriku**. Dawn jinvolve jew li **l-ġeneraturi tal-elettriku bbażati fuq il-fossili jiġu kkompensati finanzjarjament** għal parti mill-ispejjeż għoljin b'mod straordinarju tal-fjuwil tagħhom sabiex inaqqsu l-prezz offrut tagħhom fis-suq tal-operaturi jew **li jillimitaw direttament il-prezz tal-elettriku fis-suq tal-operaturi** billi jistabbilixxu parametru referenzjarju u jikkompensaw id-differenza mal-prezz offrut.

Tali għażliet għandhom l-għan li jnaqqsu l-impatt negattiv ta' prezzijiet għoljin ħafna tal-gass fis-suq tal-operaturi tal-elettriku. L-iżvantaġġi ewlenin tagħhom huma relatati mal-ispiża fiskali tagħhom, id-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni, ir-riskji għall-kummerċ transfruntier u għalhekk mas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, li l-firxa tagħhom tiddependi fuq id-disinn ta' tali għażliet.

Għażliet regolatorji mingħajr kumpens fiskali

Dawn l-għażliet jinvolve l-istabbiliment ta' **limitu regolatorju għall-prezz massimu** li ċerti ġeneraturi ta' karga bażika jistgħu jiċċarġjaw. Filwaqt li din l-għażla tnaqqas l-ispejjeż f'perjodu itwal, il-valur miżjud tagħha fuq terminu qasir huwa li tindirizza l-profitti eċċessivi ta' ċerti teknoloġiji.

L-iżvantaġġi ewlenin ta' dawn l-għażliet huma relatati mal-isfidi tal-implimentazzjoni billi jkunu jeħtieġu aċċess għal informazzjoni dwar l-ispejjeż u d-dħul għall-ġeneraturi li tista' ma tkunx aċċessibbli għall-entitajiet pubbliċi u l-isfidi legali possibbli. Dawn iwasslu wkoll għal inċertezza regolatorja, billi tali għażliet jistgħu jneħħu xi inċentivi għal investimenti privati fl-enerġija rinnovabbli li huma essenzjali għall-kisba tal-għanijiet fit-tul tagħna ta' sistema tal-enerġija reżiljenti, sostenibbli u sigura.

L-għażliet kollha huma ppreżentati u analizzati f'aktar dettall fl-Anness.

Abbażi ta' din il-valutazzjoni, **il-Kummissjoni tikkunsidra li ma hemm l-ebda tweġiba faċli biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-elettriku** minħabba d-diversità tas-sitwazzjonijiet fost l-Istati Membri. Xi għażliet huma adattati biss għal kuntesti nazzjonali speċifiċi. Fl-istess ħin, xi interventi jeħtieġu leġiżlazzjoni tal-UE u/jew approċċ komuni fil-livell tal-UE biex ikunu effettivi u mhux ta' ħsara għas-suq intern u għas-sigurtà tal-provvista. Kollha għandhom l-ispejjeż u l-iżvantaġġi, inkluż għall-funzjonament tas-suq uniku.

ŻGURAR TAL-PROVVISTA TAL-GASS BI SPIŻA RAĠJONEVOLI GĦAX-XITWA LI JMISS U LIL HINN MINNHA

Filwaqt li ħafna għażliet ippreżentati fid-dibattitu pubbliku jindirizzaw is-sintomi, **il-kawża ewlenija tal-prezzijiet għoljin tal-elettriku attwali hija s-suq tal-gass**. Il-prezz għoli tal-elettriku tal-lum huwa xprunat mill-prezz għoli tal-gass, peress li l-ġeneraturi bbażati fuq il-gass għadhom il-fornituri tal-elettriku li ta' sikwit jiġu l-aħħar fis-suq tal-elettriku biex ilaħħqu mad-domanda attwali. Fis-suq spot tal-gass, il-volatilità hija għolja u mhijiex marbuta bis-sħiħ mal-elementi fundamentali.

Il-limitazzjoni jew il-modulazzjoni tal-prezz tal-gass permezz ta' mezzi regolatorji hija għażla li tista' tiġi kkunsidrata, peress li jkollha impatt immedjat fuq il-livelli tal-prezzijiet. Tista' tagħti indikazzjoni importanti li l-UE mhi se tħallas l-ebda prezz għall-gass iżda tali intervent għandu jitqies biss bħala l-aħħar alternattiva, peress li jinvolvi xi żvantaġġi f'termini tas-sigurtà tal-provvista tal-flussi tal-gass.

Bl-istaġun tar-riforniment tal-gass li jibda issa, huwa urġenti li jintlaħaq qbil dwar strateġija komuni. Il-kuntest attwali ta' prezzijiet għoljin u swieq tal-gass kumpatt jagħmel il-mili mill-ġdid tal-ħżin għax-xitwa li jmiss aktar diffiċli minn fi snin normali. L-użu tal-ingranaġġ kollettiv tal-Unjoni biex jiġu żgurati l-importazzjonijiet tal-gass fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli huwa essenzjali sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-Istati Membri jagħmlu offerti kontra xulxin għall-istess provvisti.

L-UE hija aktar b'saħħitha meta naġixxu flimkien. L-UE għandha taġixxi b'mod konġunt biex tisfrutta s-saħħa fis-suq permezz ta' sħubijiet innegożjati mal-fornituri.

Il-Kummissjoni tinsab lesta li toħloq **Task Force dwar ix-xiri komuni tal-gass fil-livell tal-UE**. Bl-akkomunament tad-domanda, it-Task Force tiffaċilita u ssaħħa is-sensibilizzazzjoni internazzjonali tal-UE għall-fornituri tal-LNG u tal-gass, bil-ħsieb li jiġu żgurati importazzjonijiet ta' LNG u gass bi prezz tajjeb qabel ix-xitwa li jmiss. L-UE tista' tiżgura aħjar l-LNG, il-gass u l-idroġenu fi prezzijiet affordabbli minn pajjiżi terzi fuq terminu qasir, jekk tinvolvi ruħha ma' dawk il-pajjiżi fit-tul, filwaqt li tistabbilixxi sħubijiet fit-tul għall-gass rinnovabbli li jistabbilixxu wkoll il-bażi għall-importazzjonijiet futuri tal-idroġenu.

Għalhekk, it-Task Force se tħejji t-triq għal **sħubijiet tal-enerġija** ma' fornituri ewlenin tal-LNG, il-gass u l-idroġenu fir-reġjun tal-Mediterran, mas-sħab tagħna fl-Afrika iżda wkoll fil-Lvant Nofsani u fl-Istati Uniti.

It-Task Force hija appoġġata mir-rappreżentanti tal-Istati Membri f'Bord ta' Tmexxija. Tim konġunt tan-negożjati mmexxi mill-Kummissjoni jkollu taħditiet mal-fornituri tal-gass. Dan ikun ispirat mill-esperjenza mill-pandemija tal-COVID-19, fejn l-azzjoni fl-UE kollha kienet kruċjali biex tigarantixxi biżżejjed provvisti ta' vaċċini għal kulħadd.

It-Task Force tippromwovi wkoll l-użu effiċjenti tal-infrastruttura tal-gass tal-UE b'mod partikolari t-terminals tal-LNG, iżda wkoll il-faċilitajiet tal-ħżin u l-pipelines.

Il-mili tal-ħżin suffiċjenti tal-gass se jipprovdi lill-konsumaturi Ewropej b'xi protezzjoni kontra r-riskji ta' nuqqas ta' provvista u tfixkil potenzjali billi jipprovdi xi stabbiltà. Din hija

r-raġuni għaliex il-Kummissjoni tipproponi **politika, komuni u strateġika, Ewropea għall-ħżin tal-gass**, implimentata permezz ta' azzjoni konġunta kkoordinata u kondiviżjoni tal-piżijiet bejn is-27 Stat Membru tal-UE. Matul ix-xhur li ġejjin, it-Task Force se tgħin fil-promozzjoni tal-mili tal-ħżin qabel ix-xitwa f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass.

Huma meħtieġa sforzi komuni biex jiġi **ottimizzat l-użu tal-infrastruttura tal-ħżin eżistenti**. Il-miżuri tal-ħżin meħuda b'mod konġunt aktar milli individwalment jevitaw investimenti żejda billi l-gass huwa sors tranżitorju tal-enerġija u kwalunkwe infrastruttura ġdida għandha tkun tista' tintuża għal sorsi tal-enerġija aktar nodfa f'perspettiva aktar fit-tul, b'mod partikolari għall-idroġenu.

Sabiex tiggarrantixxi livell għoli biżżejjed ta' mili, il-Kummissjoni ppreżentat **proposta leġiżlattiva dwar il-ħżin tal-enerġija** bil-għan li tiżgura li l-infrastruttura tal-ħżin eżistenti tintela sa mill-inqas **90 % tal-kapaċità tagħha sal-1 ta' Novembru ta' kull sena**; mira li tista' tiġi aġġustata maż-żmien jekk jinbidlu r-realtajiet ekonomiċi u ġeopolitiċi, kif ukoll is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Filwaqt li tiġi rikonoxxuta s-sitwazzjoni speċifika tas-sena attwali, se jiġu pprovvuti mira aktar baxxa ta' 80 % u perkors flessibbli biex tiġi żgurata introduzzjoni gradwali bla xkiel. L-Istati Membri għandhom diġà jieħdu azzjoni biex jiżguraw mili adegwat għall-ħżin għax-xitwa li jmiss, filwaqt li jantiċipaw il-proposta leġiżlattiva.

Is-solidarjetà hija fundamentali. Il-ħżin konġunt tal-gass huwa assigurazzjoni ta' benefiċċju għal kulħadd, u li għalih kulħadd għandu jikkontribwixxi b'mod ġust. Din hija r-raġuni għaliex l-Istati Membri mingħajr ħżin għandhom jikkontribwixxu għal-livelli ta' mili tal-ħżin fi Stati Membri oħra u bi skambju jibbenefikaw minn sigurtà mtejbja tal-provvista. Il-mekkaniżmu tal-kondiviżjoni tal-piżijiet inkorporat fil-proposta jiżgura allokkazzjoni ġusta tal-ispejjeż tas-sigurtà tal-provvista fost l-Istati Membri kollha billi kollha jibbenefikaw, bis-saħħa tas-suq tal-enerġija tal-UE, mit-tnaqqis tar-riskji tal-interruzzjoni tal-provvista irrispettivament minn fejn jinsab il-ħżin fl-UE. Dan il-mekkaniżmu jibni fuq il-ftehimiet ta' solidarjetà li għandhom jiġu konklużi mingħajr dewmien biex jippermettu li l-gass jiġi kondiviż b'mod effettiv f'każ ta' emerġenza kif propost f'Diċembru 2021⁹. Daqstant importanti huma t-trasparenza u l-monitoraġġ tal-progress lejn l-ilħuq tal-mira tal-mili. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass se jimmonitorja l-progress fil-mili lejn il-mira u jikkunsidra azzjonijiet xierqa biex isostni l-isforz tal-mili tal-ħżin jekk ikun meħtieġ.

Fl-aħħar nett, l-infrastruttura tal-ħżin tal-gass hija kritika għas-sigurtà tal-UE, **iċ-ċertifikazzjoni** tal-operaturi tal-ħżin se tipprovdi s-salvagwardji meħtieġa kontra r-riskji relatati mas-sjieda minn operaturi ta' pajjiżi terzi minn perspettiva tas-sigurtà tal-provvista.

⁹ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (riformulazzjoni), COM(2021) 804 final, (15.12.2021).

KONKLUŻJONIJIET

L-għażliet sabiex jiġi indirizzat l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fuq iċ-ċittadini u n-negozji tagħna, ippreżentati f'dan id-dokument, ikopru interventi ta' emerġenza marbuta bil-ħin biex jillimitaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li la ma għandhom jipperikolaw l-oġettivi fit-tul tal-Patt Ekoloġiku, u lanqas il-funzjonament tas-Suq Uniku. L-ebda minnhom ma hi soluzzjoni sempliċi u kollha għandhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom.

Dak li huwa meħtieġ b'mod urġenti huwa li titrażżan iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tiġi żgurata provvista adegwata tal-gass għax-xitwa li jmiss u lil hinn minnha. L-aħjar għażla hija li naħdmu bħala UE27, flimkien f'approċċ koordinat, biex niffrankaw l-ispejjeż u nużaw l-ingranaġġ tas-saħħa konġunta tagħna.

Fit-terminu medju, huma meħtieġa aktar soluzzjonijiet strutturali, inklużi interkonnessjonijiet biex is-suq tal-enerġija jiġi integrat b'mod sħiħ, ħafna aktar enerġija rinnovabbli, miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija biex jiġu evitati d-dipendenzi. Il-pjan REPowerEU se jaċċellera l-introduzzjoni ta' miżuri fuq dawn l-oqsma kollha. Il-Kummissjoni se tippreżenta l-**pjan dettaljat tagħha dwar REPowerEU f'Mejju**. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinsab lesta wkoll li tipproponi pjan ta' ffrankar tal-enerġija għall-Unjoni kollha.

Bl-introduzzjoni ta' REPowerEU, il-qafas regolatorju tal-UE jeħtieġ li jkun adattat għal sehem sostanzjali akbar ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija f'konformità mal-miri ambizzjużi tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-għażliet biex **tottimizza d-disinn tas-suq tal-elettriku sa Mejju**. Dan l-eżerċizzju se jikkunsidra l-valutazzjoni finali mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (Agency for the Cooperation of Energy Regulators, ACER) dwar il-benefiċċji u l-iżvantaġġi tad-disinn tas-suq tal-elettriku tal-UE u kontributi oħra dwar il-funzjonament tas-suq tal-elettriku¹⁰.

Maż-żmien, l-aċċellerazzjoni tal-użu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-inkoraġġiment ta' konsum tal-enerġija aktar effiċjenti, flimkien ma' politika Ewropea ta' ħżin u diversifikazzjoni tal-provvista permezz ta' involviment aktar koordinat ma' fornituri affidabbli, se jipprovdu soluzzjonijiet strutturali biex jiġi żgurat aċċess għal enerġija affordabbli.

L-għażliet u l-proposti deskritti f'dan id-dokument jappellaw lill-Istati Membri kollha biex jiddependu fuq l-aħjar saħħa tal-Ewropa: l-unità u s-solidarjetà.

Il-mexxejja fil-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2022 huma mistiedna jipprovdu direzzjoni biex titkompla l-ħidma fil-livell tal-Kummissjoni u dak leġislativ biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista u prezzijiet affordabbli tal-enerġija issa, għax-xitwa li jmiss u lil hinn minnha.

¹⁰ Xi elementi tal-għażliet previsti għall-interventi fuq terminu qasir, bħall-akkwist ta' kapaċità ġdida permezz ta' kuntratti bidirezzjonali ta' differenza jew l-użu tal-mudell ta' aggregatur jistgħu jgħinu biex iwittu t-triq għal bidliet futuri għad-disinn tas-suq fit-tul tal-Ewropa, jgħinu biex jipproteġu lill-konsumaturi kontra volatilità għolja tal-prezzijiet fil-futur u jżidu r-reżiljenza tas-suq tal-enerġija tal-Ewropa.